MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 368/2014

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 3319/14**

**datata 10 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Mark Caligari**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Mark Caligari li gie pprezentat nhar l-10 ta' Novembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficjali numru 3319/14 u dikjarazzjoni guramentata ta' Elaine Farrugia ghan-nom tal-Kummissarju tal-Artijiet, u dana mibghuta lilu a tenur tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponent jirrileva illi huwa ma ghandux jhallas ebda ammont mitlub mill-Kummissarju tal-Artijiet u qieghed ghal kull buon fini jopponi t-talbiet tal-intimat a tenur tal-artikolu 466(2) et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana ghaliex:*

*a) kull kwalsiasi pretensjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet hija preskritta bid-dekors ta' hames snin u dana skond l-artikolu 2156(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u*

*b) kif ukoll u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponent kien irritorna c-cwievet tal-fond Shop A, Block 3, Gzira Complex, Triq il-Gzira – Gzira lill-intimat sa mis-sena 2001 u ghalhekk l-esponent ma kienx fil-pusess tal-imsemmi hanut.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-pretensjoni tal-intimat mhix esegwibbli skond il-ligi u dana ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija."*

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet li giet ipprezentata fit-2 ta' Dicembru 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi l-Kummissarju tal-Artijiet qieghed jirtira l-Ittra Ufficjali bin-numru 3319/14 prezentata fl-10 ta' Ottubru 2014 u jirrinunzja ghall-pretensjonijiet kontemplati fiha;*
2. *Fid-dawl ta' dan, il-Kummissarju tal-Artijiet jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet;*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

   *Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-salvu gudizzju u kunsiderazzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat dak li gie verbalizzat minn Dr Michaela Muscat li ghamlet referenza ghar-risposta taghha inserita fl-atti a fol. 4 u fejn iddikjarat li hija qieghda tirrinunzja ghall-pretenzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet kif kontenuta fl-ittra Ufficcjali tieghu Numru 3319/14 prezentata fl-10 ta' Ottubru 2014.

Rat dak li gie verbalizzat minnha fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 u cioe' li kienet qed tirrimetti ruhha dwar il-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-rikors gie intavolat a bazi tal-Ittra Ufficcjali NUmru 3319/14 li pprezenta l-intimat u ghalhekk tali att gudizzjarju kien jifforma l-bazi tal-pretenzjoni tar-rikorrenti. Illi una volta din l-istess Ittra Ufficcjali giet irtirata mill-intimat, ghalhekk ir-rikorrenti m'ghadx ghandu *causa litigis* ghar-rikors odjern.

Illi ghalhekk ir-rikorrent inkorra l-ispejjez ta' dawn il-proceduri inutilment.

**Ghaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti stante li l-mertu gja gie ezawrit pendente lite, qieghda tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------